

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Medjaturi

Medjaturi

Ungerija

Din it-taqsimha tgħinek issib medjatur fl-Ungerija.

#### Kif issib medjatur fl-Ungerija

Tista' ssib ir-**reġistru tal-medjaturi** (közvetítő adatbázisa) fuq is-sit elettroniku tal-**Ministeru tal-Ġustizzja u l-Infurzar tal-Liġi** (Igazságügyi és Rendészeti Minisztérium).

Din l-informazzjoni ġenerali li ġejja hija disponibbli għall-utenti:

Informazzjoni ġenerali dwar l-attività tal-medjazzjoni

Informazzjoni dwar il-medjaturi

Informazzjoni dwar persuni legali li jimpjegaw lill-medjaturi

L-indirizzi, il-kwalifiki, l-għarfien ta' ilsna u l-għarfien espert tal-medjaturi u l-kontea fejn huma attivi.

Is-sit jipprovdi wkoll **formoli ta' reġistrazzjoni** għal medjaturi u għal persuni legali li jimpjegaw lill-medjaturi.

#### L-aċċess għall-bażi tad-dejta tal-medjaturi huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess huwa **mingħajr ħlas** u ma tapplika ebda restrizzjoni.

#### Kif tagħmel tiftixa għal medjatur fl-Ungerija

Is-sit fiha lista ta' medjaturi u lista ta' persuni legali li jimpjegaw lill-medjaturi. Tista' tagħmel tiftixa għall-medjaturi skont l-isem, l-għarfien ta' lingwi u kontea tal-operat. Tista' tagħmel tiftixa għall-persuni legali skont l-isem, il-kontea u l-isem fil-qosor.

#### Links relatati

**Is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Medjaturi Ungeriżi** (A magyar közvetítő adatbázisának honlapja)

L-aħħar aġġornament: 28/12/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.